Haġa tassew oriġinali u interessanti hi d-daħla ta' din l-opra fejn l-awtur, b'idea wisq ġenjali, jistħajjel lit-Tliet Persuni tas-SS.ma Trinità mlaqqgħin bejniethom "flimkien miġbura bħala f'konferenza, fl-ewwel konferenza li qatt saret. u suġġett ta' din il-konferenza Tagħhom huwa misteru, misteru ta' sbuħija u ta' tjubija bla tarf: l-Inkarnazzjoni" Kull wieħed mit-Tliet Persuni jgħid fehemtu fuq il-"Mara Singulari" li kellha tkun minn dejjem sa dejjem il-għaġeb tal-ħolqien u l-misteru sublimi li jgħaxxaq ir-ruħ u jhenni moħħ il-bniedem.

Fil-konferenza ċelesti tidher ukoll Marija li titkellem dwar il-grazzji speċjali li bihom sa mill-eternità Hi kienet mogħnija.

Il-qarrej li jibda dan il-ktejjeb għandu jħoss ruħu assorbit u immeraviljat bl-immaġinazzjoni qawwija ta' l-awtur u bl-oriġinalità tat-trattazzjoni tas-suġġett. L-istil tal-kitba hu għoli u rżin kif jixraq imma mhux mgħabbar bi kliem tqil u iebes; barra dan għoġbuna s-similitudini ċari u l-kwotazzjonijiet adattati u fuq kollox il-manjera kif is-suġġett hu spjegat kumpatt, bla digressjoni, bla ripetizzjoni u bla taħbil.

Din il-biċċa xogħol inqisuha bħala ġawhra letterarja li toqgħod tajjeb ħafna fil-kuruna tal-ġieh mogħtija lil Marija Santissima fis-sena Tagħha.

G.

## MEHTIEĠA KOPJI TA' "IL-MALTI"

Is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar ta' Lixandra tixtieq takkwista, bi ħlas, dawn il-Kopji tar-Rivista "IL-MALTI" li jonqsuha biex il-ġabra tagħha tkun kompluta.

Min jista' joffrilha xi wieħed minnhom, jew kollox, tkunlu obbligata u rikonoxxenti u jista' jibgħathom għand is-Sur Ivo Muscat-Azzopardi P.L., 47, Triq id-Dejqa, Valletta.

1925 : Marzu, Ġunju, Settembru, Diċembru,
1926 : Marzu, Settembru.
1927 : Marzu, Ġunju, Settembru.
1930 : Marzu, Ġunju.
1932 : Marzu.
1942 : Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru.
1943 : Marzu, Settembru.

## GĦAŻŻ

Mhux biss għażżien dak il-bniedem li ma jagħmel xejn, imma għażżien ukoll dak il-bniedem li jista' jaħdem f'xogħol aħjar.

SOCRATES.